



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI RANTOS

ippreżentati fl-24 ta' Frar 2022¹

Kawża C-99/21 P

Danske Slagtermestre

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

“Appell – Għajjnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Regoli dwar il-kontribuzzjonijiet għall-ġbir tal-ilma mormi – Ilment – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – *Locus standi* – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Att regolatorju li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni – Inċidenza diretta”

I. Introduzzjoni

1. Permezz tal-appell tagħha, Danske Slagtermestre titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Diċembru 2020, Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni (T-486/18, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”, EU:T:2020:576), li permezz tiegħu din ika ddet bħala inammissibbli r-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2018) 2259 final, tad-19 ta' April 2018, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.37433 (2017/FC) – Danimarka (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni inkwistjoni”), li tiddikjara, fi tmiem il-fażi preliminari tal-eżami, li l-kontribuzzjoni stabbilita bil-lov nr. 902/2013 om ændring af lov om betalingsregler for spildevandsforsyningsselskaber m.v. (Betalingsstruktur for vandafledningsbidrag, bemyndigelse til opgørelse af særbidrag for behandling af særlig forurenede spildevand m.v.) (il-Liġi Nru 902/2013, li Temenda l-Liġi li Tistabbilixxi r-Regoli dwar il-Kontribuzzjonijiet Dovuti lill-Operaturi tat-Trattament tal-Ilma Mormi (Struttura tal-kontribuzzjonijiet għar-rimi ta' ilma mormi, li tawtorizza l-istabbiliment ta' kontribuzzjonijiet partikolari għat-trattament ta' ilma mormi partikolarment imniġġes, eċċ)) tal-4 ta' Lulju 2013 (iktar 'il quddiem id-“miżura inkwistjoni”) ma tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-oppportunità li tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat mill-kompetituri tal-benefiċjarji ta' miżuri ta' għajjnuna fil-kuntest tat-tielet każ imsemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u, b'mod iktar partikolari, il-kunċetti ta' “inċidenza diretta” u ta' “miżuri ta' implimentazzjoni”, kif interpretati

¹ Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci².

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

3. Danske Slagtermestre hija assoċjazzjoni professjonali li tirrappreżenta bejjiegħa bl-imnut tal-laħam, biċċeriji, bejjiegħa bl-ingrossa u impriżi ta' pproċessar Daniżi. Fis-26 ta' Settembru 2013, hija ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni, minħabba li r-Renju tad-Danimarka, permezz tal-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni, ta għajjnuna mill-Istat lil biċċeriji kbar fil-forma ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet għall-ġbir tal-ilma mormi.

4. Din il-miżura emendat is-sistema ta' kontribuzzjonijiet għall-ġbir tal-ilma mormi³ u stabbilixxiet mudell digressiv "gradwali" li jipprevedi tariffa għall-metru kubu ta' ilma mormi skont il-volum ta' ilma mormi skarikat fi tliet partijiet (iktar 'il quddiem il-"mudell gradwali"), li l-ewwel waħda minnhom tikkorrispondi għal konsum ta' ilma ta' inqas minn jew ekwivalenti għal 500 m³ fis-sena għal kull beni immobbli, it-tieni waħda tikkorrispondi għall-parti tal-konsum tal-ilma li hija ta' bejn 500 m³ u 20 000 m³ għal kull beni immobbli u tipprevedi tariffa għal kull metru kubu ta' 20 % inqas minn dik tal-ewwel parti, u t-tielet tikkorrispondi għall-parti tal-konsum ta' ilma li jeċċedi 20 000 m³ kull sena għal kull beni immobbli u tipprevedi tariffa għal kull metru kubu ta' 60 % inqas minn dik tal-ewwel parti⁴.

5. Fi tmiem il-fażi preliminari tal-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni inkwistjoni, li permezz tagħha hija qieset li t-tariffikazzjoni l-ġdida stabbilita mill-miżura inkwistjoni ma kinitx tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

6. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Awwissu 2018, ir-rikorrenti ppreżentat rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni.

7. Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikors inammissibbli, minħabba li r-rikorrenti ma kellhiex *locus standi*, la f'isimha stess u lanqas bħala rappreżentanta tal-interessi tal-membri tagħha. B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikorrenti la kellha *locus standi* bis-saħħa tal-istatus tagħha bħala parti interessata (peress li ma sostnietx, fir-rikors tagħha, il-ksur tad-drittijiet proċedurali tagħha) u lanqas bl-inċidenza diretta u individwali tal-membri tagħha.

² C-622/16 P sa C-624/16 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Montessori", EU:C:2018:873.

³ Qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, il-leġiżlazzjoni Daniża kienet tipprevedi tariffa unitarja għal kull metru kubu tal-ilma għall-konsumaturi kollha tal-ilma, irrispettivament mis-settur ta' attività tagħhom, marbuta mal-istess impjant ta' purifikazzjoni, indipendentement mill-konsum tagħhom.

⁴ B'mod iktar speċifiku, fil-kuntest tal-mudell gradwali, il-konsumaturi li jaqgħu taħt it-tielet parti jħallsu qabelxejn it-tariffa prevista għall-ewwel parti (sakemm il-konsum tal-ilma tagħhom jaqbeż il-500 m³), imbagħad it-tariffa prevista għat-tieni parti (sakemm il-konsum tagħhom jaqbeż l-20 000 m³) u, fl-aħħar, iħallsu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ilma mormi skont it-tariffa prevista għat-tielet parti.

8. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors, fis-sens tat-tielet każ imsemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE⁵, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li rrikonossiet li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi “att regolatorju” fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (punti 94 sa 96 tad-digriet appellat) iddeċidiet li din id-deċiżjoni ma kinitx tikkonċerna direttament lir-rikorrenti (punti 97 sa 104 ta' dan id-digriet), b'tali mod li r-rikors ippreżentat minnha kien inammissibbli, mingħajr il-bżonn li jiġi ddeterminat jekk l-imsemmija deċiżjoni kinitx tinkludi miżuri ta' implimentazzjoni (punt 105 tal-imsemmi digriet).

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

9. Fis-17 ta' Frar 2021, Danske Slagtermestre ppreżentat appell mid-digriet appellat. Hija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla dan id-digriet⁶.

10. Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Renju tad-Danimarka, titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

11. Il-partijiet wiegħbu wkoll bil-miktub għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja. Din tal-aħħar iddeċidiet li tagħti deċiżjoni mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali, skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.

V. Analiżi

12. Insostenn tal-appell tagħha, Danske Slagtermestre tinvoka ħames aggravji bbażati, essenzjalment, fuq l-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, tal-kundizzjoni tal-“inċidenza diretta”, fis-sens tat-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Montessori.

13. Preliminarjament, il-Kummissjoni tesprimi dubji dwar l-ammissibbiltà tal-appell, minħabba li t-talbiet imressqa mill-appellanti huma intiżi biss għall-annullament tad-digriet appellat, filwaqt li, skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-talbiet tal-appell huma intiżi sabiex jintlaqgħu, kompletament jew parzjalment, it-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza. Fuq il-mertu, il-Kummissjoni, sostnuta mill-Gvern Daniż, titlob, prinċipalment, li l-appell jiġi miċħud u, sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-inċidenza diretta tal-appellanti, tiċħad l-appell minħabba li d-deċiżjoni inkwistjoni hija att regolatorju li jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens tat-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, billi tissostitwixxi l-motivi tad-digriet appellat.

⁵ Dan huwa l-każ ta' rikors ippreżentat kontra att regolatorju li jikkonċerna direttament lir-rikorrent u li ma jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni.

⁶ Ninnota li l-appellanti la titlob li jintlaqa' r-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza, u lanqas li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

14. Fir-rigward, preliminarjament, tal-ammissibbiltà tal-appell fis-sens tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura, huwa minnu li, għalkemm l-appellanti ma titlobx espressament li jintlaqgħu t-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza, jew li tiġi annullata d-deċiżjoni inkwistjoni⁷, jidhirli li t-talbiet tagħha jistgħu jitqiesu biss bħala intiżi, essenzjalment, għall-istess riżultat, taħt piena li jiġi evitat formaliżmu eċċessiv⁸. Għalhekk, inqis li l-appell huwa ammissibbli.

15. Fis-segwenti, ser nanalizza qabelxejn, il-ħames aggravji tal-appell, dwar l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali relatata mal-inċidenza diretta tal-appellanti (Sezzjoni A). Sussegwentement, ser neżamina l-ammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja, skont ir-raġunament li qiegħed nipproponilha, tiddeċiedi li d-digriet appellat għandu jiġi annullat (Sezzjoni B.1), fir-rigward, minn naħa, tal-inċidenza diretta tal-appellanti (1.) u, min-naħa l-oħra, tal-kwistjoni tal-assenza possibbli ta' miżuri ta' implimentazzjoni, li ma ġietx analizzata mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat (Sezzjoni B.2).

A. Fuq l-appell

16. Il-ħames aggravji, li għandhom jiġu ttrattati flimkien, huma bbażati, l-ewwel wieħed, fuq allegazzjoni ta' applikazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "inċidenza diretta", it-tieni wieħed, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali kkonfondiet l-evalwazzjoni tal-inċidenza individwali ma' dik tal-inċidenza individwali, it-tielet wieħed, fuq l-allegazzjoni li l-kriterji stabbiliti mis-sentenza Montessori dwar l-inċidenza diretta huma ssodisfatti f'dan il-każ, ir-raba' wieħed, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-appellanti ma wrietx li l-membri tagħha kienu ġarrbu kompetizzjoni distorta u, il-ħames wieħed, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-kriterji marbuta mal-inċidenza individwali, billi preżumiet li dawn huma rilevanti għall-evalwazzjoni ta' din tal-aħħar.

1. Fuq il-kriterju tal-inċidenza diretta kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

17. Preliminarjament, għandu jittfakkar li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 236 TFUE jistabbilixxi li kull persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta, fil-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu, rikors kontra l-atti indirizzati lilha (l-ewwel każ) jew li jirrigwardawha direttament u individwalment (it-tieni każ)⁹, kif ukoll kontra l-atti regolatorji li jikkonċernawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni (it-tielet ipoteżi)¹⁰.

18. Barra minn hekk, peress li l-espressjoni "li jirrigwardaha direttament" tidher b'mod identiku fit-tieni u fit-tielet każ previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, diġà ġie deċiż li l-kunċett ta' inċidenza diretta li jaqa' taħt it-tielet każ ma jistax ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni iktar restrittiva minn dak li jaqa' taħt it-tieni każ¹¹.

⁷ Hija titlob sempliċement l-annullament tad-digriet appellat, skont l-Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura.

⁸ Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Inclusion Alliance for Europe vs Il-Kummissjoni (C-378/16 P, EU:C:2020:575, punti 57 sa 60). Barra minn hekk, peress li l-appell jikkonċerna biss l-ammissibbiltà tar-rikors, fil-każ li jintlaqa' l-appell, ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar il-fatt li t-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza fir-rigward tal-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni jibqgħu kompletament rilevanti, iktar u iktar peress li, skont il-proposti tiegħi, ir-rikors għandu jiġi rrinvijat lill-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikors.

⁹ Dan il-każ huwa, essenzjalment, identiku għal dak previst qabel fl-Artikolu 230 KE (u, iktar qabel, fl-Artikolu 173 KEE), li jistabbilixxi li kull persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra d-deċiżjonijiet li, għalkemm fil-forma ta' regolament jew deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, jikkonċernawha direttament u individwalment.

¹⁰ Dan it-tielet każ ġie miżjud mit-Trattat ta' Lisbona sabiex twessa' l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ippreżentati minn persuni fiżiċi u ġuridiċi kontra l-atti kollha ta' portata ġenerali, bl-eċċezzjoni tal-atti leġislattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Montessori, punti 26 u 27).

¹¹ Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Deutsche Lufthansa vs Il-Kummissjoni (C-453/19 P, EU:C:2021:608, punti 82 sa 84).

19. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjoni li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun ikkonċernata direttament mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors, kif prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, teħtieġ li żewġ kriterji jkunu ssodisfatti b'mod kumulattiv, jiġifieri li l-miżura kkontestata, minn naħa, tkun tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-individwu u, min-naħa l-oħra, ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha, liema implimentazzjoni tkun ta' natura purament awtomatika u tirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni stess, mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra¹².

20. Fir-rigward tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, għandu jiġi enfasizzat li dawn għandhom l-għan li jippreżervaw il-kompetizzjoni. B'hekk, f'dan il-qasam, il-fatt li deċiżjoni tal-Kummissjoni żżomm sħaħ l-effetti ta' miżuri nazzjonali li fir-rigward tagħhom ir-rikorrent ikun sostna, fi lment indirizzat lil dik l-istituzzjoni, li ma kinux kompatibbli ma' dan l-għan u li jqegħduh f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża jippermetti li jiġi konkluż li din id-deċiżjoni taffettwa direttament is-sitwazzjoni legali tiegħu, b'mod partikolari d-dritt tiegħu, li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, li ma jġarrabx kompetizzjoni distorta mill-miżuri nazzjonali inkwistjoni¹³.

21. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-applikazzjoni tal-ewwel wieħed miż-żewġ kriterji msemmija fil-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għalkemm ma hijiex il-qorti tal-Unjoni, fl-istadju tal-eżami tal-ammissibbiltà, li għandha tiddeċiedi b'mod definittiv dwar ir-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn rikorrent u l-benefiċjarji tal-miżuri nazzjonali evalwati f'deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, bħad-deċiżjoni inkwistjoni, l-inċidenza diretta ta' tali rikorrenti ma tistax madankollu tiġi dedotta mis-sempliċi potenzjalità ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni¹⁴.

22. Fil-fatt, sa fejn il-kundizzjoni dwar l-inċidenza diretta teżiġi li l-att ikkontestat jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrent, il-qorti tal-Unjoni hija obbligata tivverifika jekk dan tal-aħħar "esponiex b'mod rilevanti r-raġunijiet għaliex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tpoġġih f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġata u, għaldaqstant, tista' tipproduċi effetti fuq is-sitwazzjoni legali tiegħu"¹⁵.

23. Hija l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod iktar partikolari mis-sentenza Montessori, li għandha tiġi eżaminata hawnhekk.

24. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, fil-ġurisprudenza preċedenti għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-evalwazzjoni tal-inċidenza diretta fis-sens tat-tieni każ msemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE (li sar ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE), spiss marġinali meta mqabbla ma' dik tal-inċidenza individwali¹⁶, kienet pjuttost iffokata fuq it-tieni kriterju tal-inċidenza diretta, jiġifieri l-assenza ta' marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni¹⁷ filwaqt li kull analiżi tal-effetti materjali tal-miżura inkwistjoni kienet

¹² Ara s-sentenza Montessori, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata. Dan jgħodd ukoll meta l-possibbiltà għad-destinatarji tagħha li ma jsegwix att tal-Unjoni tkun purament teoretika, peress li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar ir-rieda tagħhom li jisiltu konsegwenzi konformi ma' dan tal-aħħar (ara s-sentenza tal-5 ta' Mejju 1998, *Dreyfus vs Il-Kummissjoni*, C-386/96 P, EU:C:1998:193, punt 44).

¹³ Ara s-sentenza Montessori, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata.

¹⁴ Ara s-sentenza Montessori, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata.

¹⁵ Ara s-sentenza Montessori, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata.

¹⁶ Ara b'mod partikolari s-sentenza tat-12 ta' Lulju 1990, *COFAZ vs Il-Kummissjoni* (C-169/84, EU:C:1990:301, punt 30).

¹⁷ Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 1985, *Piraiiki-Patraiki et vs Il-Kummissjoni* (11/82, EU:C:1985:18, punti 7 sa 10) u tat-12 ta' Lulju 1990, *COFAZ vs Il-Kummissjoni* (C-169/84, EU:C:1990:301, punt 30).

prinċipalment meħuda inkunsiderazzjoni mill-perspettiva tal-inċidenza individwali. Wara l-introduzzjoni tat-tielet każ imsemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE mit-Trattat ta' Lisbona, il-qorti tal-Unjoni, mitluba teżamina l-kundizzjoni tal-inċidenza diretta ta' rikorrent indipendentement minn kull kunsiderazzjoni dwar l-inċidenza individwali tiegħu, interpretat dan il-kriterju b'mod dejjem iktar eżiġenti¹⁸, billi ħadet inkunsiderazzjoni elementi ta' natura fattwali li huma simili ħafna, essenzjalment, għal dawk li sa dak iż-żmien kienu jagħmlu parti mill-eżami tal-inċidenza individwali¹⁹.

25. Madankollu, minkejja dawn l-iżviluppi fil-ġurisprudenza, ma jistax jiġi miċħud, fl-opinjoni tiegħi, li l-evalwazzjoni tal-inċidenza diretta hija marbuta, b'mod predominanti, ma' elementi ta' natura ġuridika, kif jirriżulta mill-istess kliem tal-formulazzjoni użata b'mod kostanti mill-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-kundizzjoni li l-miżura kkontestata tipproduċi direttament effetti *fuq is-sitwazzjoni legali* tal-individwu²⁰, filwaqt li dik tal-inċidenza individwali tinkludi evalwazzjoni materjali veritiera tas-sitwazzjoni fattwali tar-rikorrent, ibbażata prinċipalment fuq indikaturi ta' natura ekonomika²¹.

2. *Fuq l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-inċidenza diretta tar-rikorrenti*

26. Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali, wara li fakkret, b'riferiment għall-prinċipji stabbiliti mis-sentenza Montessori, li, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni kkontestata tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-appellanti, "il-qorti tal-Unjoni hija obbligata tivverifika jekk din tal-aħħar *esponietx b'mod rilevanti r-raġunijiet* li għalihom id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tpoġġiha f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża u, għaldaqstant, li tipproduċi effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħha"²², irrilevat, billi għamlet riferiment għall-punti 71 sa 77 tad-digriet appellat, li, "fil-kawża inkwistjoni, ir-rikorrenti ma [kinitx] *uriet* li l-membri tagħha, jew uħud minnhom, kienu konkretament affettwati mill-miżura inkwistjoni u wisq inqas liema huma l-konsegwenzi ta' din tal-aħħar fuq il-pożizzjoni tal-kompetizzjoni tagħhom" u kkonkludiet li "[i]r-rikorrenti ma [kinitx] għaldaqstant *stabilixxiet* b'mod rilevanti li d-deċiżjoni kkontestata setgħet tqiegħed lill-membri tagħha f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża u li, għaldaqstant, din id-deċiżjoni kienet taffettwa b'mod dirett is-sitwazzjoni legali tagħhom, b'mod partikolari id-dritt tagħhom li ma jġarrbux fis-suq rilevanti kompetizzjoni distorta mill-imsemmija miżura"²³.

¹⁸ Minkejja, kif ippreċiżat mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kunċett ta' "inċidenza diretta" li jaqa' taħt it-tielet każ tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma jistax ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni iktar restrittiva minn dak li jaqa' taħt it-tieni każ ta' din id-dispożizzjoni.

¹⁹ Ara, b'mod partikolari, Noël, V. u Thomas, S., "*Locus standi in State Aid Litigation After Montessori*", European State Aid Law Review, Nru 4, Nru 2021, p. 528, kif ukoll R. Caranta, "*Knock, and it shall be opened unto you: Standing for non privileged applicants after Montessori*", Common Market Law Review, Nru 58, 2021, p. 173 u 174. Is-sentenza Montessori ma jidher lix li hija eżentata minn kritika f'dan ir-rigward, peress li l-formulazzjoni użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza sabiex tispeċifika l-kriterji relatati mal-kundizzjoni tal-inċidenza diretta hija simili ħafna għal dik użata minnha stess fil-punt 28 tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 1990, COFAZ vs Il-Kummissjoni (C-169/84, EU:C:1990:301) għall-finijiet tal-analiżi, ferm differenti, tal-inċidenza individwali.

²⁰ Sabiex inkun preċiż, qiegħed nirreferi għall-ewwel wieħed miż-żewġ kriterji ta' din il-kundizzjoni, it-tieni wieħed, li l-preżenza tiegħu ma hijiex ikkontestata fil-każ ineżami, ikun dak li l-miżura kkontestata ma tħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji responsabbli mill-implimentazzjoni tagħha (ara l-punti 19 u 23 ta' dawn il-konklużjonijiet).

²¹ L-Avukat Ġenerali Wathelet, fil-kawża Montessori, kien ippropona distinzjoni ċara bejn l-inċidenza diretta u l-inċidenza individwali bbażata fuq il-fatt li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kienu jirrigwardaw, l-ewwel waħda, is-sitwazzjoni *legali* tar-rikorrent (il-miżura kkontestata għandha tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni *legali* tiegħu) u, it-tieni waħda, is-sitwazzjoni *fattwali* tiegħu (il-miżura għandha taffettwah minħabba *sitwazzjoni fattwali* li tikkaratterizzah meta mqabbel ma' kull persuna oħra) (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża magħquda Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci, C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:229, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma stabilixxiet distinzjoni tant ċara fis-sentenza Montessori.

²² Ara l-punt 102 tad-digriet ikkontestat (korsiv miżjud minni).

²³ Ara l-punt 103 tad-digriet ikkontestat (korsiv miżjud minni).

27. Kif issostni l-appellanti, bl-użu tal-verbi “turi” u “tistabilixxi”, jidhirli li l-Qorti Ġenerali ssuġġettat il-kundizzjoni tal-inċidenza diretta fis-sens tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għal rekwiżiti li jmorru lil hinn minn dawk li jirriżultaw mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għal din il-kundizzjoni fis-sentenza Montessori. Fil-fatt, f’din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat sewwa li, jekk l-inċidenza diretta ta’ rikorrent ma tistax tiġi dedotta mis-sempliċi potenzjalità ta’ relazzjoni ta’ kompetizzjoni²⁴, hija mitluba tivverifika li r-rikorrent “espona b’mod rilevanti” li teżisti l-“potenzjalità ta’ sitwazzjoni ta’ kompetizzjoni żvantaġġuża”²⁵. Madankollu, niddubita bil-qawwi li l-applikazzjoni ta’ dan il-prinċipju fil-każ ineżami timplika li l-appellanti kienet obligata “turi” li wħud mill-membri tagħha “kienu affettwati b’mod konkret mill-miżura inkwistjoni” u “x’kienu l-konsegwenzi ta’ din tal-aħħar fuq il-pożizzjoni ta’ kompetizzjoni tagħhom”.

28. Għalhekk, jidhirli li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata bi żball ta’ liġi fir-rigward tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Montessori.

29. Fit-tieni lok u fi kwalunkwe każ, sabiex tevita li tillimita ruħha għal evalwazzjoni eċċessivament formalista, għandu jiġi vverifikat jekk, indipendentement mill-kriterju użat, l-elementi msemmija mill-Qorti Ġenerali humiex madankollu suffiċjenti sabiex isostnu l-konklużjoni li l-appellanti ma “esponietx b’mod rilevanti r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista’ tpoġġiha f’sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża”.

30. Kif issostni l-appellanti, fir-rigward tal-evalwazzjoni dwar l-assenza ta’ *inċidenza diretta* tal-membri tagħha f’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 103 tad-digriet appellat, sempliċement tagħmel riferiment għall-punti 71 sa 77 tiegħu, li jikkonċernaw espliċitament l-evalwazzjoni, ferm differenti, dwar l-assenza ta’ *inċidenza individwali* tal-membri²⁶.

31. Dawn il-punti tad-digriet appellat jikkonċernaw, essenzjalment, it-“turija ta’ ħsara sostanzjali kkawżata lill-pożizzjoni ta’ kompetitur fis-suq”. Madankollu, il-kriterju tal-“inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva” tar-rikorrenti, rilevanti għall-finijiet tal-analiżi tal-inċidenza individwali, jikkostitwixxi parametru inkontestabbilment differenti minn dak tal-“potenzjalità ta’ sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża”, rilevanti għall-finijiet tal-analiżi tal-inċidenza diretta. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 69 tad-digriet appellat, *sabiex tiġi stabbilita l-inċidenza individwali tagħha*, impriża ma tistax tibbaża ruħha biss fuq il-kwalità tagħha ta’ kompetitriċi fil-konfront tal-impriża benefiċjarja, iżda għandha tistabilixxi, barra minn hekk, li hija tinsab f’sitwazzjoni ta’ fatt li tindividwalizzaha b’mod analogu għal dik tad-destinatarju tad-deċiżjoni inkwistjoni²⁷, filwaqt li, *sabiex tiġi stabbilita l-inċidenza diretta tagħha*, huwa biżżejjed li tali impriża tesponi b’mod rilevanti r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista’ tpoġġiha f’sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża u, għaldaqstant, li tipproduċi effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħha²⁸.

²⁴ Ara s-sentenza Montessori, punt 46.

²⁵ Ara s-sentenza Montessori, punt 47.

²⁶ Ara l-punti 70 u 78 tad-digriet appellat. Il-Qorti Ġenerali għalhekk għamlet, sabiex nissellef il-kliem tal-Avukat Ġenerali Wathelet, “perverżjoni tal-kundizzjoni dwar l-inċidenza diretta” (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawżi magħquda Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci, C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:229, punt 58).

²⁷ Ara, b’mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta’ Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

²⁸ Ara l-punt 22 ta’ dawn il-konklużjonijiet. Għalhekk huwa evidenti li ż-żewġ kundizzjonijiet jibqgħu differenti u li r-rekwiżiti previsti sabiex jiġi stabbilit l-interess individwali jibqgħu, bħala prinċipju, sostanzjalment differenti minn dawk relatati mal-interess dirett.

32. Ċertament, kif issostni l-Kummissjoni, f'dan il-każ, ma jistax jiġi eskluż li l-elementi li fuqhom kienet ibbażata l-evalwazzjoni tal-assenza ta' inċidenza individwali tal-membri tal-appellanti, jew pjuttost uħud minn dawn l-elementi, jistgħu jkunu wkoll rilevanti sabiex jiġi stabbilit li hija ma kinitx “esponiet b'mod rilevanti r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tpoġġiha f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġata”. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma pprovdiet ebda spjegazzjoni f'dan ir-rigward.

33. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħi, huwa ċar li l-elementi msemmija mill-Qorti Ġenerali fil-punti 71 sa 77 tad-digriet appellat ma jistgħux isostnu l-konklużjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' inċidenza diretta tal-membri tar-rikorrenti²⁹.

34. Fil-fatt, qabelxejn, kuntrarjament għall-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali esposti fil-punti 71, 72 u 74 tad-digriet appellat, l-evalwazzjoni tal-inċidenza diretta tal-appellanti ma għandhiex tkun ibbażata fuq ċifri konkreti tal-partijiet tas-suq u lanqas fuq id-dħul mill-bejgħ tal-membri tagħha. Din l-evalwazzjoni lanqas ma teħtieġ, kuntrarjament għall-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali stabbiliti fil-punti 73 u 75 tad-digriet appellat, wirja tar-riperkussjonijiet tat-tariffi għat-trattament tal-ilma mormi fuq il-prezzijiet applikati mill-membri tal-appellanti lill-klijenti tagħhom jew offrut lill-fornituri tagħhom³⁰.

35. Sussegwentement, fil-punt 76 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali essenzjalment talbet analiżi komparattiva tal-iżvantaġġi tal-miżura f'termini ta' kompetittività fir-rigward tal-impriżi Daniżi l-kbar u tal-vantaġġi li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-impriżi żgħar u medji Daniżi meta mqabbla mal-impriżi kompetituri stabbiliti fi Stati Membri oħra. Madankollu, għalkemm tali analiżi tista' tkun rilevanti sabiex tiġi stabbilita distorsjoni tal-kompetizzjoni, li tikkostitwixxi wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu l-kunċett ta' “għajnuna mill-Istat”, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, ma jidher li din hija bl-ebda mod neċessarja għall-evalwazzjoni tal-inċidenza diretta tal-membri tar-rikorrenti³¹.

36. Fl-aħħar, huwa evidenti, kif fakkart fil-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-kriterju tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-membri tal-appellanti, imsemmi fil-punti 77 u 78 tad-digriet appellat, jirreferi għal kriterju tipiku li jikkonċerna l-inċidenza individwali³².

²⁹ Fir-rigward, barra minn hekk, tal-assenza, ikkonstatata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 73 tad-digriet appellat, tal-wiri tar-riperkussjoni ta' tariffi għat-trattament tal-ilma mormi fuq il-prezzijiet li l-membri tar-rikorrenti jistgħu effettivament jiffatturaw lill-klijenti tagħhom jew joffruhom lill-fornituri tagħhom, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-eżami tal-effett konkret ta' għajnuna mill-Istat fuq is-sitwazzjoni kompetittiva tar-rikorrenti ma huwiex kriterju rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' rikors, peress li l-komputu tal-qorti tal-Unjoni f'dan l-istadju ma huwiex li tiddeċiedi b'mod definittiv, fuq ir-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn ir-rikorrenti u l-benefiċjarji tal-miżuri ta' għajnuna iżda li tivverifika jekk ir-rikorrenti esponietx b'mod rilevanti r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tpoġġiha f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġata (ara l-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 20 u 21 ta' dawn il-konklużjonijiet).

³⁰ Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet riċentement li, billi allegat, essenzjalment, li r-rikorrenti ma ddefinixxietx is-swieq li fihom ġiet ippreġudikata l-pożizzjoni kompetittiva tagħha billi rrelevat li hija ma kienet tat ebda informazzjoni dwar id-daqs u l-istruttura tagħhom kif ukoll lill-kompetituri preżenti f'dawn is-swieq, il-Qorti Ġenerali marret lil hinn mir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza fil-qasam tal-inċidenza individwali (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Deutsche Lufthansa vs Il-Kummissjoni, C-453/19 P, EU:C:2021:608, punti 63 u 64). Barra minn hekk, analiżi tant wiesgħa tas-suq u tar-riperkussjonijiet tal-miżuri kkontestati fuq il-pożizzjoni tal-operaturi lanqas ma jidher li hija neċessarja sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, li tikkostitwixxi wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu l-kunċett ta' “għajnuna mill-Istat”, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

³¹ Nistaqsi, inċidentalment, jekk din l-analiżi lanqas ma hija eċessarja fir-rigward tal-kundizzjoni tal-inċidenza individwali.

³² Għall-kuntrarju, mill-ġurisprudenza stabbilita invokata fil-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet, jirriżulta li jekk l-inċidenza diretta ma tistax tiġi dedotta mis-sempliċi potenzjalità ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni, relazzjoni ta' kompetizzjoni stabbilita hija biżżejjed f'dan ir-rigward.

37. Għaldaqstant, inqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-inċidenza diretta tal-appellanti meta hija mmotivat, essenzjalment, l-assenza ta' inċidenza diretta tal-membri tagħha minħabba l-assenza ta' inċidenza individwali tagħhom.

38. Għalhekk, nipproponi li jintlaqa' l-ewwel aggravju u, konsegwentement, li jiġi annullat id-digriet appellat.

B. Fuq ir-rikors fl-ewwel istanza

39. Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi l-kawża hija stess b'mod definittiv, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tista' tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi.

40. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex f'pożizzjoni, f'dan l-istadju tal-proċedura, li tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, hija għandha, għall-kuntrarju, l-informazzjoni neċessarja sabiex tiddeċiedi b'mod definittiv dwar l-ammissibbiltà tal-imsemmi rikors kontra d-deċiżjoni inkwistjoni. Fil-fatt, il-kwistjoni tal-*locus standi* tal-appellanti fis-sens tat-tielet każ previst fl-Artikolu 263 TFUE kienet is-suġġett ta' dibattitu kontraddittorju quddiem il-Qorti Ġenerali u l-eżami tagħha ma jeħtieġ l-adozzjoni ta' ebda miżura addizzjonali ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew ta' struttorja tal-proċess.

41. Għaldaqstant, għandha qabelxejn tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza sabiex imbagħad, fil-każ li dan ir-rikors jirriżulta li huwa ammissibbli, jintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tkun tista' tiddeċiedi fuq il-mertu.

42. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli minħabba nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrenti, fl-ewwel lok minħabba l-inċidenza fuq l-interessi tagħha stess bħala assoċjazzjoni u, fit-tieni lok, bħala rappreżentanta tal-interessi tal-membri tagħha, f'dak li jirrigwarda l-*locus standi* tagħhom fis-sens, rispettivament, ta' kull wieħed mill-każijiet previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

43. L-ewwel, ser neżamina l-ammissibbiltà tar-rikors fir-rigward tal-*locus standi* tar-rikorrenti bħala rappreżentanta tal-interessi tal-membri tagħha fir-rigward tat-tielet każ previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Peress li l-klassifikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata bħala “att regolatorju” ma hijiex inkwistjoni u barra minn hekk ma ġietx ikkontestata³³, ser niffoka l-analiżi tiegħi fuq l-inċidenza diretta tal-appellanti (Sezzjoni B.1) u fuq l-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni (Sezzjoni B.2).

³³ Fil-fatt, bħad-deċiżjoni li kienet is-suġġett tas-sentenza Montessori, id-deċiżjoni inkwistjoni għandha l-għan li ma tqisx il-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE u għalhekk għandha portata ġenerali, filwaqt li ma hijiex att leġislativ. Għaldaqstant, hija tikkostitwixxi “att regolatorju” fis-sens tat-tielet każ previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Montessori, punti 22 sa 33).

1. Fuq l-*inċidenza diretta tar-rikorrenti*

44. Preliminarjament, infakkar li, sabiex individwu jkun affettwat direttament, jeħtieġ li l-miżura kkontestata, minn naħa, tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali ta' dan l-individwu, u min-naħa l-oħra, ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġislazzjoni tal-Unjoni, mingħajr applikazzjoni ta' regoli oħra intermedjarji³⁴.

45. Peress li t-tieni parti ta' din il-kundizzjoni ma hijiex verament diskussa fil-każ inezami³⁵, ser nikkonċentra l-analiżi tiegħi fuq il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni inkwistjoni tipproduċix effetti diretti fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti u, b'mod iktar partikolari, tal-membri tagħha.

46. Skont l-insenjamenti tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 21 u 22 ta' dawn il-konklużjonijiet, għandu jiġi vverifikat jekk ir-rikorrenti “esponietx b'mod rilevanti r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni inkwistjoni tista' tpoġġi lill-membri tagħha f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża u, għaldaqstant, tipproduċi effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħha”.

47. Fil-punt 50 tas-sentenza Montessori, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonossiet li r-rikorrenti kienu ssodisfaw dawn ir-rekwiżiti, billi allegaw ir-raġunijiet tagħhom “filwaqt li ressqu provi insostenn ta' dan u mingħajr ma ġew kontradetti fuq dan il-punt mill-Kummissjoni”. Fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, ir-rikorrenti kienu sostnew li l-istabbilimenti rispettivi tagħhom kienu jinsabu fil-*viċinanza* immedjata ta' entitajiet li kienu jeżerċitaw attivitajiet simili u li għalhekk kienu attivi fl-istess suq ta' servizzi u fl-istess suq ġeografiku, u li dawn l-entitajiet kienu, *a priori*, eliġibbli għall-miżuri inkwistjoni. Għalhekk, jidherli li l-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment illimitat ruħha li tikkonstata li r-rikorrenti kienu sostnew l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni mal-benefiċjarji potenzjali tal-miżura inkwistjoni.

48. Dawn l-istess rekwiżiti, li jitolbu evalwazzjoni każ b'każ, ġew interpretati b'mod ftit jew wisq wiesa' fil-ġurisprudenza sussegwenti tal-Qorti Ġenerali³⁶.

49. Għal dak li huwa rilevanti għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, l-appellanti sostniet, qabel kollox, li hija assoċjazzjoni professjonali li tirrappreżenta bejjiegħa bl-imnut tal-laħam, biċċeriji, bejjiegħa bl-ingrossa u impriżi ta' pproċessar Daniżi, sussegwentement, li diversi mill-membri tagħha, permezz tal-attività tagħhom, huma f'relazzjoni ta' kompetizzjoni ma' impriża kbira li topera fl-istess qasam fit-territorju Daniż, jiġifieri Danish Crown, li għandha partijiet mis-suq estremament kbar, jiġifieri 95 % u 63 % rispettivament tal-biċċeriji li jipproċessaw il-majjali u l-baqar, u finalment, li Danish Crown, minħabba il-volum għoli tagħha ta' ilma mormi, hija suġġetta, permezz tal-miżura inkwistjoni, għall-kontribuzzjoni prevista fit-tielet parti tal-mudell gradwali³⁷, fatt li jagħtiha d-dritt għal tariffi inqas għoljin minn dawk dovuti mill-membri tagħha, li huma suġġetti biss għall-kontribuzzjonijiet, iktar għoljin, previsti mill-ewwel żewġ partijiet ta' dan il-mudell.

³⁴ Ara l-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

³⁵ Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, deċiżjoni li tiddikjara miżura statali bħala li ma tikkostitwixx għajjnuna mill-Istat, bħad-deċiżjoni inkwistjoni, toħloq l-effetti legali tagħha b'mod purament awtomatiku skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni biss u mingħajr applikazzjoni ta' regoli oħra intermedjarji (ara, f'dan is-sena, is-sentenza Montessori, punt 54).

³⁶ Ara, fir-rigward ta' rikorsi ddikjarati ammissibbli, is-sentenzi tal-14 ta' April 2021, *Verband Deutscher Alten- und Behindertenhilfe u CarePool Hannover vs Il-Kummissjoni* (T-69/18, EU:T:2021:189, punti 157 u 158), kif ukoll tat-2 ta' Ġunju 2021, *Casa Regina Apostolorum della Pia Società delle Figlie di San Paolo vs Il-Kummissjoni* (T-223/18, mhux ippubblikata, EU:T:2021:315, punti 95 sa 99), u, fir-rigward ta' rikors iddikjarat inammissibbli, id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2019, *Opere Pie d'Onigo vs Il-Kummissjoni* (T-491/17, EU:T:2019:692, punti 31 sa 35).

³⁷ B'mod iktar preċiż, hija suġġetta għat-tielet parti ta' dan il-mudell sa fejn ir-rimi tagħha ta' ilma mormi jeċċedi l-kwantitajiet li jaqgħu taħt l-ewwel u t-tieni parti (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 4 ta' dawn il-konklużjonijiet).

50. Ċertament, huwa minnu li l-espożizzjoni tal-motivi tar-rikorrenti fl-ewwel istanza hija superfiċjali ħafna u, barra minn hekk, ma tiddistingwixxix b'mod ċar bejn id-diversi kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikors. Madankollu, jekk wieħed iżomm mal-*allegazzjonijiet* imsemmija iktar 'il fuq, li ma ġewx validament ikkontestati mill-Kummissjoni u mir-Renju tad-Danimarka matul il-kawża, ma jistax jiġi serjament ikkontestat li r-rikorrenti invokat elementi rilevanti li abbażi tagħhom huwa probabbli ħafna li l-membri tagħha (jew tal-inqas uħud minnhom) jinsabu f'kompetizzjoni ma' kumpannija li teżerċita l-istess attività fit-territorju Daniż li tista' tibbenefika, skont l-*allegazzjonijiet* tagħha, mill-miżuri inkwistjoni³⁸.

51. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn ma huwiex il-kompitu tal-qorti tal-Unjoni, fl-istadju tal-eżami tal-ammissibbiltà, li tiddeċiedi b'mod definittiv fuq ir-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn rikorrent u l-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni³⁹, għandu jitqies, fil-fehma tiegħi, li r-rikorrenti "esponiet b'mod rilevanti" li d-deċiżjoni inkwistjoni, li tħalli intatt l-effetti kollha tal-miżura inkwistjoni, tista' tqiegħed lill-membri tagħha f'sitwazzjoni kompetittiva żvantaġġuża u li, għaldaqstant, din id-deċiżjoni ma taffettwax direttament is-sitwazzjoni legali tagħhom, b'mod partikolari d-dritt tagħhom li ma jkunux suġġetti f'dan is-suq għal kompetizzjoni distorta minn din il-miżura.

52. Għalhekk, inqis li r-rikorrenti hija direttament affettwata mill-miżura inkwistjoni, fis-sens tat-tielet każ previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

2. Fuq l-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni

53. Skont il-Kummissjoni u l-Gvern Daniż, f'dan il-każ jeżistu miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, b'tali mod li t-tielet każ previst f'din id-dispożizzjoni ma huwiex applikabbli. B'mod iktar preċiż, huma jsostnu li, skont is-sistema implimentata mill-miżura inkwistjoni, l-operaturi tal-impjanti ta' purifikazzjoni jiffissaw, kull sena, it-tariffa applikabbli għat-tliet partijiet tal-mudell gradwali u li l-kunsilli muniċipali kompetenti japprovaw din it-tariffa. Sussegwentement, kull impriża Daniża li tiskarika ilma mormi tirċievi avviż ta' taxxa dwar il-ħlas tat-tariffa tagħha għat-trattament tal-ilma mormi skarikat minnha. Konsegwentement, il-membri tal-appellanti jistgħu jikkontestaw dan l-avviż ta' impożizzjoni quddiem qorti nazzjonali billi jsostnu li l-iskema inkwistjoni tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat illegali favur impriżi li jikkonsmaw kwantitajiet kbar ta' ilma.

54. Preliminarjament, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-frażi "li ma jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni", fis-sens tat-tielet frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-għan ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri, kif jirriżulta mill-orijini tagħha, li jiġi evitat li individwu jkollu jikser il-liġi sabiex ikun jista' jikseb aċċess għal qorti. Meta att regolatorju jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali ta' persuna fiżika jew ġuridika mingħajr ma jeħtieġ miżuri ta' implimentazzjoni, ikun hemm ir-riskju li din tal-aħħar tiċċaħħad minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva jekk ma kellhiex rimedju quddiem il-qorti tal-Unjoni sabiex tikkontesta l-legalità ta' dan l-att regolatorju. Fil-fatt, fl-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni, persuna fiżika jew ġuridika, minkejja li tkun ikkonċernata

³⁸ Barra minn hekk, nistaqsi, jekk il-Qorti Ġenerali stess irrikonoxxiet b'mod impliċitu, fil-punt 77 tad-digriet appellat, li, tal-inqas, il-membri tal-appellanti kienu jissodisfaw il-kundizzjoni li jkunu *kompetituri tal-benefiċjarju* tal-għajjnuna mill-Istat preżunta, meta hija tafferma l-ewwel li "*jekk ir-rikorrenti, effettivament, sostniet li l-membri tagħha kienu jinsabu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni mal-biċċeriji ta' daqs kbir li jibbenefikaw mill-għajjnuna allegata*, iżda baqgħet ma stabbilixxietx effett konkret tal-għajjnuna allegata fil-konfront tal-membri tagħha, u fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq ikkonċernat" biex imbagħad fil-punt 78, tikkonkludi li din ir-relazzjoni kompetittiva "ma hijiex suffiċjenti sabiex turi li l-pożizzjoni kompetittiva tal-membri fis-suq hija affettwata b'mod sostanzjali u li b'hekk huma *individwalment ikkonċernati* mid-deċiżjoni [inkwistjoni]" (korsiv miżjud minni).

³⁹ Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

direttament mill-att inkwistjoni, ma tkunx f'pożizzjoni li tikseb s'tħarriġ ġudizzjarju ta' dan l-att ħlief wara li tkun kisret id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi att billi tinvoka l-illegalità tagħhom fil-kuntest tal-proċeduri miftuħa fil-konfront tagħha quddiem il-qorti nazzjonali⁴⁰.

55. Għall-kuntrarju, meta att regolatorju jinvolti miżuri ta' implimentazzjoni, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huwa żgurat indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-imsemmija miżuri joriġinawx mill-Unjoni jew mill-Istati Membri. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li, minħabba l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ma jkunux jistgħu jikkontestaw direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni att regolatorju tal-Unjoni huma protetti kontra l-applikazzjoni fil-konfront tagħhom ta' tali att mill-possibbiltà li jikkontestaw il-miżuri ta' implimentazzjoni li dan l-att jinvolti⁴¹.

56. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li, sabiex jiġi evalwat jekk att regolatorju jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni, għandha titqies il-pożizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tinvoka d-dritt ta' rimedju taħt it-tielet frażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk l-att inkwistjoni jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' individwi oħra hija irrilevanti. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, għandu jsir riferiment esklużivament għas-suġġett tar-rikors⁴².

57. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm, fir-rigward tal-benefiċjarji ta' skema ta' għajjnuna, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jstabbilixxu din l-iskema u l-atti li jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet, bħal avviż ta' imożizzjoni, jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni li jinkludu deċiżjoni li tiddikjara l-imsemmija skema inkompatibbli mas-suq intern jew li tiddikjara din l-istess skema kompatibbli ma' dan is-suq bla ħsara għall-osservanza ta' impenji meħuda mill-Istat Membru kkonċernat⁴³, din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi trasposta għas-sitwazzjoni tal-kompetituri ta' benefiċjarji ta' miżura nazzjonali li tqieset bħala li ma tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba li s-sitwazzjoni ta' tali kompetitur hija distinta minn dik tal-benefiċjarji tal-għajjnuna previsti minn din l-istess ġurisprudenza sa fejn dan il-kompetitur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet previsti mill-miżura nazzjonali inkwistjoni sabiex ikun eliġibbli għall-benefiċċju ta' din tal-aħħar⁴⁴.

58. F'dan il-każ, minn naħa, ma teżistix miżura ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li toriġina mill-Kummissjoni jew minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, jidhirli li l-membri tar-rikorrenti ma humiex ikkonċernati minn miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni.

59. Huwa minnu li, f'dan il-każ, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija, sa ċertu punt, differenti minn dik li kienet is-suġġett tas-sentenza Montessori, fis-sens li l-membri tagħha stess huma kkonċernati mill-iskema inkwistjoni u jirċievu avviż tat-taxxa bl-istess mod tal-allegat benefiċjarju tal-għajjnuna mill-Istat. Madankollu, is-sitwazzjoni ta' dawn il-membri hija distinta minn dik

⁴⁰ Ara s-sentenza Montessori, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata.

⁴¹ Ara s-sentenza Montessori, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata. Meta l-implimentazzjoni ta' tali att tkun ir-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jistgħu jippreżentaw rikors dirett quddiem il-qorti tal-Unjoni kontra l-atti ta' implimentazzjoni fil-kundizzjonijiet previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u jistgħu jinvokaw insostenn ta' dan ir-rikors, skont l-Artikolu 277 TFUE, l-illegalità tal-att bażiku inkwistjoni. Meta din l-implimentazzjoni tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, dawn il-persuni jistgħu jinvokaw l-invalidità tal-att bażiku inkwistjoni quddiem il-qorti nazzjonali u jistgħu jwassluhom sabiex jagħmlu, fuq il-bażi tal-Artikolu 267 TFUE, domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza Montessori, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

⁴² Ara s-sentenza Montessori, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata.

⁴³ Ara s-sentenza Montessori, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata.

⁴⁴ Ara s-sentenza Montessori, punt 65.

tal-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni, sa fejn huma ma għandhomx dritt għat-tariffa, iktar vantaġġuża, prevista minn din il-miżura fil-kuntest tat-tielet parti u li, skont l-allegazzjonijiet tagħhom, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

60. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-fehma tiegħi, ikun artifiċjali li dawn il-membri jiġu obbligati jitolbu li din it-tariffa tiġi applikata għalihom, filwaqt li jkunu jafu li ma għandhomx dritt, għall-finijiet biss li jikkontestaw ir-rifjut quddiem qorti nazzjonali sabiex din il-qorti tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tad-deċiżjoni inkwistjoni⁴⁵.

61. Bħala konklużjoni, inqis li d-deċiżjoni inkwistjoni tikkostitwixxi att regolatorju li ma jinvolvi miżura ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rikorrenti, fis-sens tat-tielet każ previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

62. Għaldaqstant, nipproponi li r-rikors fl-ewwel istanza jiġi ddikjarat ammissibbli.

C. Fuq ir-rinviju tal-kawża lill-Qorti Ġenerali

63. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni inkwistjoni hijiex ivvizzjata b'illegalità, infakkar li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors kien inammissibbli mingħajr ma eżaminat il-motivi fuq il-mertu mqajma kontra din id-deċiżjoni. Dawk il-motivi jeżiġu evalwazzjonijiet fattwali li fir-rigward tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdiżjoni⁴⁶.

64. Konsegwentement, inqis li l-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża fuq il-mertu u li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar il-mertu tar-rikors.

VI. Fuq l-ispejjeż

65. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni definittiva hija stess dwar il-kawża, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

66. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

67. Skont l-Artikolu 140(1) tal-imsemmija regoli, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li jkunu għamlu intervent fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

68. Fil-kawża ineżami, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar l-ispejjeż⁴⁷.

⁴⁵ Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi Montessori, punti 65 sa 67, u tat-28 ta' Ottubru 2020, Associazione GranoSalus vs Il-Kummissjoni (C-313/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:869, punti 38 sa 42).

⁴⁶ Ara b'mod partikolari s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Larko vs Il-Kummissjoni (C-244/18 P, EU:C:2020:238, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

⁴⁷ Għall-kuntrarju, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi definittivament il-kawża li tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli, ikun meħtieġ li Danske Slagtermestre tiġi kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u li jiġi konkluż li r-Renju tad-Danimarka għandu jbatu l-ispejjeż tiegħu.

VII. Konklużjoni

69. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Diċembru 2020, Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni (T-486/18, mhux ippubblikat, EU:T:2020:576);
- tiddikjara r-rikors fl-ewwel istanza bħala ammissibbli;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikors fl-ewwel istanza;
- tirriżerva l-ispejjeż.